IL-BELT VICTORIA
RIVISTA MAHRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Settembru - Ottubru 1994 Nru. 80

## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

# ABJAD u ISWED

Din l-istorja ġrat tassew ġewwa Tavola Calda, fl-Isvizzera. Waħda sinjura, ta' ċerta eta' ħadet platt minestra minn fuq il-bank, u malli waslet fuq il-mejda u poġġiet biex tiekol, ttendiet li kienet insiet iġġib l-imgħarfa. Qamet minn postha u marret ġabet waħda minn fuq mejda li kienet kollha kemm hi mimlija bil-posati.



Malli waslet lura lejn il-mejda, rat wieħed raġel iswed, bil-platt tagħha tal-minestra, qiegħed jiekol minnu bl-imgħarfa tiegħu. Għall-ewwel telgħalha, u kienet ser taqbad tgħajjat miegħu, iżda, qalet li aħjar tieħdu bil-kalma. Poġġiet quddiemu u tawwlet idha biex ressqet il-platt lejha. Dak l-iswed tbissem, u tawwal idu hu wkoll, u ġibed il-platt lejh. Iżda ħallih fin-nofs bejniethom, filwaqt li stedinha tiekol hu wkoll mill-istess platt.

Hekk kif intemmet il-minestra kollha, l-Iswed qam minn postu, u bis-sinjali talab lil dik is-sinjura biex tibqa' bilqiegħda u tistenna ftit. Telaq minn hemm, u ftit wara deher ġej bi platt kbir mimli chips. Poġġih fin-nofs u reġa stieden lis-sinjura tiekol minnu hi ukoll. Wara ftit, icchips sparixxew mill-platt. L-Iswed qam , sellem u telaq il-barra.

Is-sinjura baqgħet għal ftit skantata b'dak kollu li ġara. Qamet u ġiet biex titlaq hi wkoll. iżda ttendiet li l-basket li kellha mad-dahar is-siġġu kien sparixxa. Qalbha għamlet tikk. U qalet bejna u bejn ruħha: *"Mela fl-aħħar mill-aħħar għalhekk aljenani bil-minestra u bic-chips. Biex jeħodli l-basket. Ja ħalliel li hu! Fil-basket kelli iktar minn 200 Frank!!"* U erħitilha biex toħroġ tfittex lil dak l-Iswed. Iżda hekk kif meddet xi żewġ passi rat il-basket tagħha ma' dahar ta' siġġu, xi żewġ fillieri iktar 'il hemm minn fejn kienet qagħdet hi. U quddiem dak is-siġġu, fuq il-mejda kien hemm platt minestra mhux minsus.

Minnufih ittendiet x'kien ġara! Ma kienx dak ir-raġel l-Iswed li kielilha l-minestra, iżda kienet hi li żbaljat il-mejda u flok qagħdet f'postha, poġġiet bil-qegħda u kielet il-minestra u chips ta' l-Iswed.

■ **Aħna naqgħu f'dawn l-iżbalji?**

Kos! Kemm isiru żbalji bħal ma ġara f'din l-istorja. Kemm naħslu niġġudikaw lil dak u lil dik, mingħalina li aħna biss qegħdin fis-sewwa u fid-dritt; mentri nkunu fl-iżball aħna stess.

Min jaf kemm inkwiet naqilgħu bla bżonn, fuq suspett, kelma żejda, dubju li noħolqu.........Min jaf kemm nies sfaw vittma tat-timbri li aħna nagħtuhom! Persuna għandna qed narawha l-ewwel darba, niġġudikawha. Niżnuha. Il-gwaj hu li waqt li niżnuha nużaw il-miżien tagħna, li ħafna drabi ma tantx ikun korrett biżżejjed. Min jaf kemm nies barrejna f'qalbna għal ta' xejn b'xejn. Bla ma kellna dritt; bla ma kellna provi.

U dan mhux sew.

L-ewwelnett għaliex Ġesu' stess qalilna **Il ma għandna niġġudikaw lil ħadd.** Ma għandna l-ebda dritt niġġudikaw. Ħadd ma hu ma' ħadd. Ħafna drabi aħna naraw biss il-qoxra ta' barra. U kif nafu: l-qoxra kapaċi tinganna. Mhux darba jew tnejn tixtru

*ikompli f'paġna 3*

IL-BELT VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

**☞ Donazzjonijiet għar-Rivista**

• George Borg - Kanada: 50 CAN$ • G.C. : Lm20 • Can.S. Camilleri: Lm2 • Chev. J. Grima : Kanada: Lm10 • Kan. On. C. Grima: Lm5 • Jos.& Esther Formosa: Lm5 • Anton Pace (Malta): Lm2

**ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA**

*Ħdud u Festi:* Fl-4.00pm u fil-5.30pm
*Matul il-Ġimgħa:* Fil-5.00pm u fis-6.30pm

## Editorjal...

# IL-MARDA LI TIFNINA

Ma tgħaddix ġurnata waħda li fiha ma naqrawx jew nisimgħu dwar mard serju li qed jifni lid-dinja u jħalli ħafna u ħafna vittmi. Żgur li ma hawnx persuna waħda li ma semgħetx bil-marda tal-AIDS; żgur ukoll li għandna xxukkjati minn xeni tal-biża li rajna fuq it-T.V. tal-marda tal-Kolera, tal-Pesta u mard ieħor li qed itemm numru bla għadd ta' bnedmin, speċjalment fil-pajjiżi sotto-żviluppati.

Aħna pajjiżna, għal grazzja t'Alla, ma nistgħux ngħidu li qed ikollna nħabbtu wiċċna ma dan itg-tip ta' mard, għalkemm, kull tant żmien, nisimgħu ukoll b'Maltin bħalna li jkunu ntrikbu mill-marda tal-AIDS u jkunu f'xifer il-mewt.

Iżda xorta waħda ninsabu mheddin minn marda oħra: marda li donna ma tantx tippreokkupana; marda li qed tagħmel straġi sħiħa fis-setturi kollha ta' pajjiżna. Din hija marda speċjali li tissejjaħ APATIJA. Hija marda li tidħol inkiss inkiss fik, u bil-mod il-mod iġġib fix-xejn l-entużjażmu li jista' jkollok, il-ħeġġa li jkun hemm ġewwa fik.

Diżgrazzjatament pajjiżna qed jintrikeb biha. U meta ngħidu pajjiżna irrid nifhmu l-oqsma kollha tas-Soċjeta Maltija, saħansitra l-Knisja.

● **Apatija fi ħdan il-familja:** fejn qabel il-membri kollha kienu jinsistu li jgħinu lil xulxin, b'kull mezz, f'kull sitwazzjoni, illum qed naraw lill-istess membri fejn ħabat ħabat u fejn laqat laqat. Ma jimportahomx mill-membri l-oħra, u ma jagħmlu l-ebda sforz biex ikunu ta' ġid għall-oħrajn.

● **Apatija fuq il-postijiet tax-xogħol:** M'hemm dik il-ħeġġa. Ma għadhux jeżisti dak l-impenn biex l-affarijiet isiru sew. L-aqwa li l-paga daħlet. L-importanti li r-rota ddur. Ma għadiex teżisti dik il-pika miegħek innifsek biex ittejjeb il-prodott li tkun qed tagħmel. Ma jimpurtax jekk bi traskuraġni nistgħu nkunu ta' detriment għall-azjenda li magħha naħdmu, u ta' periklu għall-istess impieg tagħna u ta' l-ħaddiema l-oħra. Dħul tard għax-xogħol, u tluq kmieni minn fuq il-lant tax-xogħol, bl-iskuża li hekk qed jagħmlu l-oħrajn, jew inkella għaliex ma hemmx x'tagħmel.

● **Apatija fid-divertiment:** Ħaġa li ma tistennihiex u li tiskantak. Nieħdu gost bid-divertiment u nfittxuh, iżda nippretendu li ħaddieħor joħolqilna hu d-divertiment. Aħna nridu kollox lest: il-flus mhix problema; inħallas u nsib. Nordna u jġibuli. Imma tgħidilniex biex immidu idejna. Lilna ħalluna gallerija. Irridu nirbħu l-kampjonat tal-football, iżda għat-training ma taranhiex b'nemes. Irridu ntellgħu biċċa xogħol fuq il-palk, iżda provi jdejjquna. Kollox sew u kollox jgħaddi.

● **Apatija fil-Knisja:** Il-parti l-kbira minna l-Maltin mexjin fuq il-prinċipju hekk imsejjaħ ta' ***"least effort"***. Quddies bil-ħatfa nhar ta' Ħadd u ġie ukoll li naqbżuha. It-talb sar żejjed għalina, sar idejjaqna, nistgħu ngħaddu mingħajru. Attivitajiet sbieħ bla ebda attendenza; rabta li ma jridha ħadd. Nippuntaw subgħajna u nippriedkaw x'suppost jagħmel ħaddieħor u lilna ma "jmissna qatt".

Forsi jkun hemm min wara li jaqra dan l-Editorjal igħid: x'pessimiżmu!!

Veru hekk jidher, u hekk hu. Iżda jekk ser nibqgħu imwaħħla f'din l-apatija li qed kullma jmur tiddomina kull settur ta' ħajjitna, ma jistax ikellna futur sabiħ ħafna. U dnub jaħasra! Ma jixirqilniex hekk. Aħna poplu għaqli, ċajtier, attiv, kapaċi noħolqu ħafna u ħafna inizjattivi li huma ta' ġid għall-pajjiżna, għalina, għal ħutna l-Maltin u l-Għawdxin l-oħra.

Iżda rridu nqumu mit-telqa li waqajna fiha. Ma jistax ikun li nibqgħu sejrin hekk. X'aktarx li din l-apatija hija wild it-tendenza li wrietna li nippretendu lill-oħrajn jagħmlu kollox għalina. Xieraq li hawnhekk infakkru f'sentenza li l-mibki John F. Kennedy kien qal fid-diskors memorabbli tiegħu meta kien ħa il-ħatra ta' President ta' l-Istati Uniti tal-Amerika: ***"Toqgħodx tistaqsi x'ser jagħmel għalik pajjiżek: iżda staqsi int x'ser tagħmel għall-pajjiżek!"***

Jekk irridu kapaċi. Ma aħniex inqas minn ħaddieħor. U meta kulħadd ta s-sehem tiegħu, kien f'liema settur kien, dejjem irnexxielna nieħdu frott bl-abbundanza. Inxammru l-kmiem, intajjru n-ngħas, nerfgħu r-responsabilta u jkellna s-sodisfazzjoni li lis-Soċjeta' li fiha ngħixu nkunu tajniha dak kollu li stajna.

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

03.07.94: **ALISON,** *bint Emanuel Farrugia u Tessie nee' Bugeja*
03.07.94: **MARJOELENE,** *bint Raymond Cutajar u Pauline nee' Xerri*
05.07.94: **LUKE,** *iben Anthony Formosa u Anna Marie Cauchi*
07.08.94: **JESSICA,** *bint Julian Xuereb u Josephine nee' Galea*
11.08.94: **CLARE,** *bint Lawrence Saliba u Antoinette nee' Vassallo*
26.08.94: **SHAUN,** *iben Mario Attard u Samantha Jayne nee' Sharp*

## INGHAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ZWIEĠ

**05.06.94:** FRANKIE TABONE u ROSEANNE SULTANA
**02.07.94:** JOSEPH CAMILLERI u CARMEN FARRUGIA
**09.07.94:** MARIO FARRUGIA u ROSEANN ATTARD
**10.07.94:** CHRISTOPHER DEBRINCAT u CAROL GRECH
**23.07.94:** JOSEPH VELLA u MICHELINA VELLA
**30.07.94:** MICHAEL AZZOPARDI u FRANCES FARRUGIA
**06.08.94:** JOSEPH CINI u JOANNE DEBRINCAT
**12.08.94:** FORTUNATO SULTANA u FRANCES VELLA
**25.08.94:** JOSEPH ZAMMIT u THERESA MERCIECA
**28.08.94:** WILLIAM DEBRINCAT u MARGOT ANN FENECH
**25.09.94:** JOSEPH ATTARD u LUCIA VELLA
**01.10.94:** FRANCO DEBONO u GEORGINA GRECH
**09.10.94:** ANTHONY ELLIS u ANNA CREMONA

## MARRU JINGHAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

8.8.94: **M' ASSUNTA GRECH**
13.8.94: **ANTONIA CARUANA**
18.8.94: **GUZEPPA GRECH**
18.8.94: **ROSA FARRUGIA**
24.8.94: **ANTOINETTE ATTARD**
16.9.94: **GEORGE PACE**

## *Il-Kelma ta' l-Arcipriet*

*Jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

oġġett ippakkjat sabiħ u meta tiftħu ssibu ħażin jew inkella ma jogħġbokx. Taħt dik il-qoxra ta' barra hemm persuna, b'qalb li taf tħobb, tweġġa' tifraħ u tinkwieta. Obrox il-qoxra ta' barra u pprova agħti titwila ġewwa, u tara kemm ma jkollokx għalfejn tiġġudika jew tittimbra ħażin lil dik il-persuna.

It-Tieni nett: ħadd minna ma jieħu gost jiġi ġġudikat. Ħadd minna ma jieħu gost jisma' n-nies ipaċpċu fuqu. Mela żomm dan quddiem għajnejk: ***Dak li ma tridx li ħadd ieħor jagħmlu miegħek, tagħmlux int lill-oħrajn.***

Mela fir-relazzjonijiet tagħna ma' l-oħrajn, niftakru fil-minestra ta' dik is-sinjura mill-Isvizzera, u bla ma niġġudikaw lil ħadd. naċċettaw lil kulħadd mingħajr xkiel, mingħajr timbru, bla ma noqgħodu ngħidu: dak magħna u l-oħra le; għax dak iswed u jiena abjad. ■

# MRS. ANTOINETTE FRENDO



## TIRBAĦ IL-PREMJU NAZZJONALI *"L-ANZJANA TAS-SENA 1994"*

Nhar is-Sibt 1 ta' Ottubru, fis-sala Sir Temi Zammit fl-Universita' ta' Malta saret serata Kulturali u Rekreattiva, mtella' mis-Segretarjat għall-Anzjani, li matulha tħabbar l-isem tal-persuna rebbieħa tal-Premju Nazzjonali, imniedi mill-istess Segretarjat: L-Anzjana tas-Sena 1994.

Din is-sena dan il-premju prestiġjuż rebħitu s-Sinjura Antoinette Frendo, membru tal-Komunita' Parrokkjali ta' San Ġorġ, Presidenta tal-Ladies' Society fi ħdan l-istess Parroċċa, persuna mill-iżjed attiva b'mod speċjali fejn jidħlu l-anzjani, il-morda u nies li jenħtiegu għajnuna.

Is-Sinjura Frendo issa ilha snin twal tagħti s-sehem diżinteressat tagħha għall-morda u l-anzjani li joqgħodu l-isptar, fid-Djar ta' l-Anzjani fi ħdan il-Knisja, kif ukoll dawk li joqgħodu għall-rashom fid-djar privati tagħhom. L-Isem ta' Antoinette Frendo huwa sinonimu mal-ħidmiet kollha li jsiru b'risq din il-kategorija ta' persuni.

Barra minnhekk, hija torganizza ta' kull ġimgħa pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, u postijiet oħra, sabiex b'hekk tagħti ċ-ċans lil persuni oħra jżuru dawn il-postijiet qaddisa. Is-sinjura Frendo widnejha dejjem beraħ biex tisma' l-ħtiġijiet tal-morda u ta' l-anzjani, qalb kbira biex tifhem u tħenn għal dawk kollha li jkollhom bżonn l-għajnuna u fommha miftuħ biex twassal l-ilmenti tagħhom fejn għandhom jaslu biex b'hekk ittejjeb il-qagħda ta' dawn il-persuni bi problema.

Il-Premju Anzjana tas-Sena 1994 huwa Premju li jagħmel ġieħ mhux biss lis-Sinjura Antoinette Frendo, iżda huwa ta' unur kbir għall-Parroċċa tagħna ta' San Ġorġ. Fil-waqt li f'isem il-Kapitlu, Presbyterium, Kunsill Parrokkjali, il-Ladies Society kif ukoll il-Komunita' Parrokkjali kollha nifirħulha mill-qalb, nitolbu għaliha sabiex il-Mulej ikompli jagħtiha s-saħħa ħalli tkompli twettaq din il-ħidma ta' fejda u jalla l-eżempju tagħha jqanqal qlub ġenerużi oħra minn ħdan il-komunita' parrokkjali sabiex jimitawha u huma wkoll jagħtu l-kontribut tagħhom għall-ġid ta' huthom il-bnedmin.

***Għaddew erba' snin mill-miġja fostna tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II. L-Artali u l-palkijiet li tlestew għaż-żjara tiegħu ilhom li żżarmaw u żgur li intużaw għall-affarijiet oħra. Ir-ritratti li ttieħdu għoddhom tilfu l-lewn tagħhom. Iżda d-Diskorsi tiegħu, b'mod speċjali d-diskors tiegħu f'Ta' Pinu dwar il-FAMILJA, għadhom attwali u xieraq li nerġgħu naqrawhom u nirriflettu fuqhom. Illum, f'din is-sensiela li qed inġibu f'din ir-Rivista fl-okkażżjoni tas-Sena Internazzjonali tal-Familja ser nagħtukom siltiet minn dawn id-diskorsi.***



# IL-FAMILJA FID-DISKORSI TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II F'PAJJIŻNA

**■ IL-FAMILJA IL-MADONNA U L-ISFIDI ĠODDA**

"B'Mod speċjali ħafna Marija minn dejjem kienet il-patruna tal-familji nsara ta' Malta u Għawdex waqt li huma fittxew li jwettqu ir-rwol tagħhom fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tar-razza umana.

Nistgħu nkunu fiduċjużi li b'imħabba ta' Omm, Marija qatt ma naqset

- fl-interċessjoni tagħha għall-ġenerazzjonijiet ta' ġenituri u tfal;
- tispira fihom il-biża tal-Mulej li huwa l-bidu tal-għerf (Salm 110)
- takkumpanjahom fil-pellegrinaġġ tagħhom ta' fidi.

Illum, il-familji ta' Malta jridu xorta waħda jiddependu mill-protezzjoni u l-imħabba materna ta' Marija, waqt li jaffrontaw sfidi ġodda fit-twettieq tal-missjoni vitali tagħhom ma' individwi u mas-soċjeta' kollha.

**❑ Fil-Pjan ta' Alla, Il-familja hija:**

- Fejn it-tfal jitgħallmu xi jfisser li jkunu individwi responsabbli u membri ta' komunita' akbar;
- Fejn jiltaqgħu għall-ewwel darba mal-virtujiet ta' mħabba li m'hix egoista u tas-sagrifiċċju personali;
- Fejn jibdew jifhmu għall-ewwel darba l-misteru ta' l-imħabba ta' Alla kif tesprimiha l-imħabba tal-ġenituri tagħhom.

Billi l-familja hija "l-ewwel ċellula vitali tas-soċjeta' (*Apostolicam Actuositatem, par.11)* is-saħħa tal-familja tagħha se jkun għal dejjem kejl vitali għas-saħħa tas-soċjeta'. Jalla l-familji ta' Malta u Għawdex qatt ma jeżitaw milli jduru lejn Marija, Omm il-Familja Qaddisa ta' Nażaret u Omm l-umanita' kollha fl-ordni tal-grazzja (*Lumen Gentium, par.61*) bħala gwida żgura fost l-isfidi u l-provi tal-ħajja."

**■ IL-FAMILJA U T-TOQOL TAL-ĦAJJA**

" Kemm il-darba, fil-familji tagħkom, ħassejtu li intom bla saħħa quddiem is-sitwazzjonijiet li jweġġgħukom u li jidhru li ma tistgħux issolvuhom?

Kemm nies isibu li hi ġlieda kontinwa biex jaħfru l-piki li ilhom is-snin, jew biex jirbħu l-emozzjonijiet li jkunu daħlu 'il ġewwa ħafna ta' rabja, għejra jew riżentiment?

Kemm hawn nies li għandhom xewqa ddisprata li xi ħadd maħbub jitlaq mod ta' ħajja jew linja ta' azzjoni li huma jafu li jistgħu jwasslu biss għall-frustrazzjoni u nuqqas ta' kuntentizza?

U kemm drabi nħossu għal xi ħadd li jkun maqbud fit-taqbida ta' wġiegħ mentali jew dwejjaq qarsa li ma jkun jagħraf ebda konsolazzjoni?

F'waqtiet bħal dawn m'għandniex nafdaw fl-interċessjoni mimlija mħabba ta' Marija, fiduċjużi li mqar l-iktar sitwazzjoni umana tidher bla tama, tista' tinbidel bil-qawwa li ssalva ta' Ġesu', li bi tweġiba għat-talba tagħha bidel l-ilma f'imbid, li miet fuq is-salib biex aħna nkunu nistgħu ngħixu għal dejjem?

**■ IL-FAMILJA ĦAWT TA' VALURI NSARA**

"Jalla Marija tiggwida r-rgħajja tal-Knisja fil-katekeżi u l-ministeru tagħhom maż-żgħażagħ li waslu biex jiżżewġu.

Jalla tiggwida lil dawk kollha responsabbli b'xi mod għall-ġid pubbliku biex huma jirrispettaw u jsaħħu l-ħajja tal-familja permezz tal-leġislazzjoni għarfa, u jwarrbu bħala ta' deni għall-ġid tas-soċjeta' kulma jinjora jew jiċħad il-pjan ta' Alla għall-familja u jnaqqas ir-rispett għar-rigal tal-ħajja umana".

**■ IL-FAMILJA U L-KOPERAZZJONI FIL-MISTERU TAL-GRAZZJA TA' ALLA**

Il-koperazzjoni ta' Marija fil-misteru tal-pjan ta' Alla kif jidher fl-Inkarnazzjoni ta' Binha tistieden lill-ġenituri u ulied insara biex jaħsbu fuq il-vokazzjoni tagħhom biex ikunu *koperaturi fil-misteru tal-grazzja t'Alla li taħdem fil-familji tagħhom.*

Il-Fidi tagħna tgħallimna li kull ħajja umana, mill-mument tat-tnissil, hija *rigal mill-Ħallieq* u hija mimlija b'valur infinit f'għajnejh.

Il-Fidi tagħna tfakkarna li l-bnedmin kollha inħolqu fix-xbieha u x-xebħ ta' Alla u ngħataw vokazzjoni u destin li jsibu t-twettieq aħħari tagħhom 'l hemm minn din il-ħajja dinjija f'komunjoni ta' ħajja u mħabba mat-Trinita' Mqaddsa.

Il-Fidi tgħallimna ukoll li aħna marbutin mal-membri l-oħra kollha tar-razza umana *f'solidarjeta' morali li tmur fil-fond,* li l-azzjonijiet u l-għażliet tagħha għandhom konsegwenzi mhux biss għalina nfusna imma għall-oħrajn, u li se nkunu ġġudikati bil-kejl ta' l-imħabba u l-ħsieb tagħna għall-iżgħar fost ħutna.

**■ IL-FAMILJA U T-TALB**

Biex tagħrfu r-rieda ta' Alla għalikom, idduru lejH b'ubbidjenza u mħabba, jiena ninkoraġġikom biex *titolbu bla heda (cfr. 1 Tess.5:17)* l-aktar fil-familja tagħkom, b'radd ta' ħajr umli għal dak kollu li Alla takom fit-tjubija tiegħu.

*ikompli f'paġna 7*

# GHOXRIN SENA MILL-MEWT TA' MRO. GIUSEPPE GIARDINI VELLA



***Il-Jum tas-Sibt, 26 ta' Ottubru 1974, eżattament għoxrin sena ilu, kien jum ikraħ u ta' telfa kbira għall-kamp mużikali u għal Għawdex kollu. Propju f'dan il-jum, il-minġel qerriedi tal-mewt ħasad minn fostna lil Mro Giuseppe Giardini Vella, fl-eta' ta' 79 sena. Il-mewt ta' Mro. Giardini Vella ġrat fl-Isptar Victoria, fejn kien rikoverat f'dawk l-aħħar jiem. Hekk intilfet stilla brillanti fil-qasam mużikali.***

*Kitba ta' George Borg*

### ● Min kien Mro Giardini Vella?

Giuseppe twieled fi Sqallija fit-30 ta' Ottubru 1895. Billi l-mużika kienet suġġett għal qalbu, ntefa' b'ruħu u ġismu f'dan il-qasam. Studja fl-Italja taħt Prof. Frontini. Il-fama tiegħu f'dan il-kamp u anke bħala kompożitur kienet ġa ġiet stabilita qabel ma rifes gżiritna tant li fis-sena 1924 rebaħ medalja tad-deheb f'Ruma għall-komposizzjoni tiegħu. Hu ġie l-ewwel darba Għawdex, fis-sena 1926 biex jieħu taħt idejh it-treġija tal-Banda La Stella. Hu żżewweġ lil Marija Dolores Cremona, Għawdxija, fis-sena 1934. Mro Giardini Vella kien direttur, kompożitur, organizzatur, ta' inizjattiva kbira u fuq kollox bniedem serju u ta' l-affari tiegħu. Kien igawdi stima minn kulħadd, saħansitra anke mill-avversarji tiegħu. Dawk li għadhom mimlija bil-għomor għadhom isemmgħu b'rispett.

### ● Mro. Giardini Vella u s-Soċjeta' La Stella

Fis-sena 1926, Mro. Giardini Vella kien ġie offrut ir-riedi tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella. L-offerta saret mill-Kumitat u fl-offerta u l-għażla kienu mplikati bosta sinjuri biex din il-ħaġa setgħet tirrealiżża ruħha. Wara xi żmien ta' prova, il-Kumitat approva l-ħatra tiegħu. Mro. Giardini Vella daħal għal dan ix-xogħol b'kuraġġ u b'ħeġġa. Taha għat-tagħlim ta' l-allievi li fihom kien jemmen li huma l-futur tal-Banda. Beda jagħmel kunċerti lill-bandisti u f'qasir żmien tnissel fihom interess kbir kemm fost il-bandisti nfushom kif ukoll il-partitarji. Mro. Giardini Vella, bil-ħidma sfiqa tiegħu favur is-Soċjeta', beda juri kemm il-ħatra tiegħu bħala Surmast Direttur kienet waħda tajba.

Ħadem u stinka, u tista' tgħid, li fi żmien ta' sentejn irriforma l-Banda u taha status f'ċertu livell, tant li ma sabha xejn bi tqila biex f'qasir żmien iħalli Għawdex u jagħti Programm Mużikali fi Pjazza Reġina, fil-Belt Valletta. F'din l-okkażżjoni kien sar bosta tbassir u propaganda ħażina kontra l-Banda, iżda matul dan il-Programm, il-Banda, taħt id-direzzjoni għaqlija tiegħu, qalgħet l-applawsi tal-Maltin li marru, iktar biex forsi jgħaddu ż-żmien milli biex jisimgħu. Dak in-nhar Mro. Giardini Vella kkonferma l-qlubija, d-dedikazzjoni u l-ottimiżmu li dejjem ħadem bih.

Mro. Giardini Vella kien organizzatur tenaċi u jippossiedi inizjativa kbira. Fis-sena 1947 għall-ewwel darba fl-istorja t'Għawdex, banda Għawdxija, il-Banda La Stella, ħalliet ix-xtut ta' Malta u salpat lejn Sqallija. Dan l-avveniment storiku wettqitu taħt id-direzzjoni ta' Mro. Giardini Vella u kontra kull tfixkil minn kull lat. Iżda f'din l-okkażżjoni nkitbet waħda mill-paġni storiċi tad-deheb li tgawdi s-Soċjeta La Stella. Bl-esekuzzjoni ta' programm mużikali f'Villa Bellini, Katanja, l-Banda La Stella saret l-Ewwel Banda Għawdxija li ħalliet ix-xtut Maltin u l-ewwel Banda minn Malta u Għawdex li siefret wara l-gwerra.

### ● Mro. Giardini Vella: bniedem ta' kultura

Barra Surmast Direttur tal-Banda La Stella, Mro Giardini kien organizzatur ta' wirjiet teatrali. Ix-xeħta tiegħu għad-direzzjoni ta' attivitajiet teatrali kienet dejjem fih, tant li qabel ma ġie Għawdex, kien diġa Direttur ta' Orkestra f'Tunis, fejn mexxa Operetti u Voudvilles hemmhekk. Giardini kien dan il-bniedem li introduċa l-Operetta f'Għawdex, meta fis-sena 1930 ippreżenta "Il Cuore di Ben" , operetta fi tliet atti, komposizzjoni tiegħu stess. kemm din in-novita' ntgħoġbot mill-Għawdxin, wieħed jista' jara mill-għadd ta' rappresentazzjonijiet li saru u dejjem ġibdu numru kbir ta' nies. L-Operetti, il-voudvilles u wirjiet oħra mużikali taw spinta lill-Palk Għawdxi u ħolqu inizjattivi ġodda.

Mro. Giardini Vella kien Maestro di Cappella fi kważi l-Parroċċi kollha t'Għawdex, fosthom il-Knisja ta' San Ġorġ, fil-Belt Victoria li tant kien iħobb. Hu kien kompożitur tajjeb u magħruf għall-komposizzjonijiet tiegħu fosthom l-Innu Immortali 'A San Giorgio Martire ' (1931), 'Inno A San Lorenzo', 'Inno a Santa Margherita', 'Inno La Stella' , li hu l-Innu tal-Banda la Stella. Hu kkompona wkoll żewġ operetti "Il Cuore di Ben" u "La Stella di Barberia" . Komposizzjonijiet oħra ta' min isemmihom huma Tantum Ergo, Salve Regina u Ave Maria. Hu kkompona wkoll marċi brijużi, marċi funebri, sinfoniji. Hu għandu wkoll ħafna arranġamenti mużikali li wieħed isib fl-Arkivju tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella.

### ● Tislima xierqa

Mhux ta' b'xejn li s-Soċjeta' organizzatlu funeral kbir u solenni meta miet. Il-funeral sar l-għada tal-mewt tiegħu jiġifieri l-Ħadd, 27 ta' Ottubru. Il-funeral li sar mill-Isptar Victoria sal-Bażilika ta' San Ġorġ kien xhieda ta' l-istima li kien igawdi dan il-bniedem. Fil-Korteo funebri ħadet sehem il-Banda La Stella li daqqet marċi funebri, kollha komposizzjoni ta' Mro. Giardini Vella nnifsu.

Ħadu sehem ukoll bosta persuni distinti, fosthom id-Deputati Nazzjonalisti s-Sinjuri Anton Tabone, u Koronatu Attard. Ħa sehem ukoll il-Kumitat tas-Soċjeta' La Stella, is-Sotto-Kumitati tas-Soċjeta': l-Għaqda Żgħażagħ La Stella, il-Folk Group Astra u l-Kumitat tal-Palk li tiegħu kien membru, is-Soċi, partitarji u ammiraturi tal-Banda.

Il-Konċelebrazzjoni 'presente cadavere' li saret fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Knisja li tant ħabb, kienet xhieda ta' l-istima, nistgħu ngħidu tal-poplu kollu, mhux biss Rabti, iżda t' Għawdex kollu.

Il-fdalijiet tiegħu jinsabu midfuna f'wieħed mill-oqbra li s-Soċjeta' għandha fiċ-Ċimiterju tar-Rabat. Kien xieraq ukoll li dan il-bniedem kellu jkun l-ewwel wieħed li ndifen f'dawn l-oqbra li s-Soċjeta' kienet akkwistat ftit taż-żmien qabel.

Mro. Giuseppe Giardini Vella għalkemm ma għadux magħna fiżikament, hu żgur li ser jibqa' magħna jnissel fina sens ta' dixxiplina u dedikazzjoni. Ir-Rabta li ħallielna bl-Innu Immortali "A San Giorgio" żgur li ma tintemm qatt. Din il-memorja tibqa' tiġġedded kull meta jindaqq dan l-Innu: ġawhra mużikali li tqanqal l-ispirtu u tferraħ il-qalb.

# MITT SENA TA' ARMAR GĦALL-FESTI TA' BARRA 1894 - 1994

kitba ta' *John Bezzina*

*(ikompli mill-Ħarġa Lulju/Awissu 1994)*

**❑ SAN ĠORĠ TAL-PALK**

Din l-istatwa żgħira ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel sa' qabel it-tieni gwerra dinjija kienet titpoġġa fuq il-Palk il-kbir. Kien xtraha minn Ruma is-Sur Giuseppe Borg, wieħed negozjant Malti, li fir-Rabat t'Għawdex kien magħruf bħala "Ġużeppi l-Malti". Dan kien devot kbir ta' San Ġorg u kull sena kien jitla' għall-festa. Kien iħobb ipoġġi għand "Nawwiela". F'Ruma kien iltaqa' ma' l-iskultur Antonio Sciortino u talbu biex jagħmillu wieħed, iżda dan ma setgħax u ħadu fil-fabbrika ta' l-"Arte Sacra' u fuq il-parir ta' Sciortino għażel din l-istatwa. Meta ġie lura huwa rregalaha lis-Soċjeta' La Stella. Illum din l-istatwa tinsab fl-Arkivju tal-Każin.

**❑ L-EWWEL SAN ĠORĠ FUQ IZ-ŻIEMEL**

Dan sar fl-1946 fil-Bottega ta' Karmnu Mallia fi Triq Irjali San Giorgio, f'Ħal-Qormi. Fir-ritratt naraw lil dan l-ewwel San Ġorġ hekk kif inħareġ mill-istudju ta' Mallia. Il-figura bil-mustaċċi ħdejn sieq iż-żiemel huwa l-istatwarju filwaqt dak bl-ingravata huwa Mose' Galea tal-Għaġina, filwaqt li t-tielet raġel bil-pullover u l-ġlekk huwa Ġużeppi ta' Sabbella. (29)

Karmnu Mallia (tal-Lhudi) kellu l-ħanut tiegħu f'Nru. 178 Strada Irjali. Mill-Berqa tal-11 ta' April 1946 nisiltu dan li ġej: *"Ir-Rabtin kollha qed jistennew b'ansjeta' kbira l-festa li sejra ssir nhar il-Ħadd 28 t'April, fl-okkażżjoni meta kellha tinġieb minn Malta l-istatwa ġdida ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel li ser tibda titqiegħed f'Misraħ it-Tokk fil-Festa ta' San Ġorġ Martri."*

Din l-istatwa ġdida saret a spejjes ta' nies ħabrieka ħafna li għamlu minn kollox biex din l-istatwa tirnexxi u jkollha laqgħa sabiħa mill-poplu Rabti. F'din l-okkażżjoni tassew kbira dawn is-sinjuri ħasbu biex jorganizzaw festa tassew sabiħa.....Wara t-Tiġrija, l-istatwa l-ġdida ta' San Ġorġ tittella trijonfalment mill-Banda La Stella, fost l-isparar, logħob tan-nar u domostrazzjonijiet kbar. Fl-istess ħin il-Banda idoqq marċijiet sbieħ. Imbagħad l-istatwa tibqa' tiġi mdawwra trijonfalment mat-toroq tal-Belt Vittorja fejn imbagħad x'ħin tasal ħdejn il-Parroċċa ta' San Ġorġ l-istatwa tiġi mqegħda quddiem il-Knisja u l-Banda tibqa' ddoqq. Il-Festa tagħlaq bi sparar minn fuq il-bjut u minn fuq il-kastell il-qadim....... (30)

Ftit ġimgħat wara l-istess gazzetta (2.5.1946) ħabbret hekk il-festa li saret f'ġieħ din l-istatwa il-ġdida: *"Il-jum tal-Ħadd 28 ta' April 1946 jibqa' jissemma' għal dejjem fil-grajja ta' Għawdex. Dak in-nhar Għawdex tassew laqa' bi ħġaru l-istatwa ġdida ta' San Ġorġ Martri fuq iż-Żiemel......Ma' nofs in-nhar in=nies mill-irħula bdew resqin bl-eluf lejn il-Belt Vittorja. Fl-Erbgħa ta' wara nofs in-nhar Triq it-Tiġrija kienet ġa maħnuqa bl-eluf ta' nies. Fil-5.15 p.m. il-Banda ta' l-Istilla telqet mill-Każin tagħha iddoqq marċi brijużi u ġgorr sebgħa paljijiet u sebgħa tazzi u bdew it-tigrijiet li nistgħu ngħidu qatt ma saru bħalhom.........tiġrija tal-bicycles, ponijiet, mezzi kavalli, ponijiet sardiniżi, bgħula, żwiemel.......Dritt wara it-Tiġrija l-Banda ta' l-Istilla bdiet timmarċja wara l-istendard tagħha għan-naħa t'isfel tat-tiġrija fejn kellha tilqa' l-istatwa il-ġdida....Ħlejjaq kbar ta' nies inġemgħu mal-banda li baqgħet nieżla iddoqq sa' hdejn San pawl. Hawnhekk kienet waslet bil-mod l-uistatwa l-ġdida.....nstema' ċapċip kbir li dewa ma' kullimkien. L-Istatwa kienet poġġuta fuq truck imżejjen bi lwien u fjuri. Imbagħad miġbud bi ħbula minn mijiet ta' tfal żgħar u........... l-istatwa bdiet tiela' trijonfalment biex tagħmel l-ewwel daħla tagħha fil-Belt Vittorja......Meta l-Banda waslet quddiem id-"Duke of Edimburgh Hotel" tas-Sur Pawl Portelli kien hemm repo' jistenniha, imbagħad il-Banda baqgħet tielgħa bil-mod il-mod it-Tiġrija.*

*(Jissokta fil-Ħarġa li jmiss)*



*San Ġorg fuq iż-żiemel ħiereġ mill-ħanut tax-xogħol ta' l-istatwarju Karmnu Mallia fi Triq Irjali San Giorgio*

**Errata Corrige:** *Hawn xtaqna nikkoreġu żball li ħarġilna fil-Ħarga ta' Lulju-Awissu 1994, fejn għidna li l-anġli tad-dawra kien ħadimhom Wistin Camilleri. Uħud minnhom kien ħadimhom Karmenu Camilleri (tal-Baqra) li kien jiġi wkoll minn Wistin Camilleri.*

# Ir-Rokna tat-Tfal

Għeżież Tfal,

Qegħdin taraw kif igerrbeb iż-żmien! Is-Sajf għadda bħal-leħħa ta' berqa u issa minn ftit taż-żmien 'il hawn erġajtu sibtu ruħkom fuq il-bankijiet ta' l-iskola. Sal-lum naħseb li kulħadd dara bil-klassi l-ġdida tiegħu u bit-teachers il-ġodda. Issa qbadtu r-ritmu ta' l-istudju u l-homework u jiena permezz ta' din ir-Rokna ddedikata għalikom it-tfal irrid nawguralkom sena skolastika mill-aqwa mimlija b'ħafna suċċessi.

Tfal, illum irrid ngħidilkom xi ħaġa żgħira fuq wieħed mid-difetti li jinsab fikom it-tfal. Tafu x'inhu? Ħalli ngħidilkom. Dik id-drawwa ħażina li għandkom li tugżaw lil xulxin, sewwa lil ħutkom meta tkunu d-dar, sewwa lil sħabkom meta tkunu l-iskola. Thobbu wisq tressqu quddiem ommkom jew it-teacher l-iżbalji ta' ħutkom u ta' sħabkom. Għandkom ħabta li l-iżbalji tagħkom tgħattuhom u taraw li ma jkun jaf bihom ħadd, waqt li l-iżbalji ta' l-oħrajn ikollkom seba' mitt sena sa' ma xxandruhom u twassluhom għand is-superjuri jew il-ġenituri tagħkom. Ħa ngħidilkom storja żgħira dwar dan id-difett li nikkundannaw.

Is-Sultan Akbar bagħat għall-Ministri tiegħu u qalilhom: "Dal-għodu xi ħadd ażżarda jmiss il-leħja tiegħi bla permess. X'nagħmillu?"

"Itfgħu l-ħabs ħa jitgħallem jirrispetta l-awtorita'", qallu Ministru minnhom.

"Sawtu fil-pubbliku ħalli n-nies tintebaħ li s-Sultan hu bniedem serju", issuġġerixxa ieħor.

"Itfgħu fuq ix-xini għal sena ħalli darb'oħra jġib ruħu ta' nies', qallu t-tielet.

Is-Sultan deher li ma kienx kuntent. Dar lejn Birbal, il-Ministru favorit tiegħu u talbu jgħidlu xi ħaġa.

"Sire, agħtih ftit ħelu", qal Birbal lis-Sultan.

Is-Sultan tbissem u staqsih x'ġiegħlu jwieġeb hekk.

"Sire, min seta' jmiss il-leħja tiegħek bla permezz jekk mhux iċ-ċkejken ibnek, il-Prinċep Salem!"

Is-Sultan qam minn fejn kien u mar ħaddan miegħu lil Birbal. L-oħrajn xtaqu l-art tiblagħhom bil-mistħija.

Mela ma nkunux pronti nikkundannaw, tfal. Niftakru dejjem fil-kliem ta' Ġesu': ***"Bl-istess kejl li tkejlu jiġi mkejjel lilkom!"***

Dak kollox għal-lum, tfal. Sa ma nerġgħu niltaqgħu f'ħarġa oħra, nixtiqilkom kull barka u sliem.

Tata'. *Iz-Ziju Peppi.*

Lafayette
Photo Studio
St. George's Square, Victoria, Gozo.
for professional work...

## Nirringrazzjaw u Nsellmu

lil **Sr. Josepha Gauci** tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu', li f'dawn l-aħħar jiem telqet lill-gżiritna sabiex twettaq il-missjoni tagħha ġewwa Nairobi, l-Kenja. Nitolbu għaliha sabiex il-Mulej jieqaf magħha u jgħinha fil-ħteġijiet kollha tagħha, filwaqt li nirringrazzjawha ta' tant xogħol li hija wettqet b'risq il-parroċċa tagħna, bit-tagħlim tad-Duttrina, bit-tagħlim ta' l-Iskola kif ukoll b'ħidmiet oħrajn konnessi ma' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof.

**Nifirħu** ukoll lil Sr. Josmarie Camilleri, bint Joseph Camilleri u Maria nee' Farrugia, li nhar il-Ħadd 25 ta' Settembru għamlet il-Professjoni tagħha fi ħdan is-Sorijiet Ursolini, fil-Knisja tagħhom ġewwa tas-Sliema. Filwaqt li nifirħulha nwegħduha t-talb tagħna, u jalla l-eżempju tagħha jiġi imitat minn tfajliet oħra tal-Parroċċa li jiddedikaw ħajjithom għal Kristu.

**STOP PRESS !! STOP PRESS !!**

Peress li kienu ħafna dawk li staqsewna għandniex il-ħsieb li fis-sajf li ġej, jekk Alla jrid, norganizzaw xi Pellegrinaġġ barra minn Malta nixtieq nħabbru li għandna l-ħsieb li nagħmlu PELLEGRINAGG GHAL ART IMQADDSA u dan ikun fl-ewwel jiem ta' Ġunju, u PELLEGRINAĠĠ għal LOURDES fl-aħħar jiem ta' Lulju. Kull min hu interessat li jieħu sehem huwa mitlub li jkellem lill-Mons. Arċipriet fl-Uffiċċju Parrokkjali.

*jaqbad minn paġna 4*

## IL-FAMILJA FID-DISKORSI TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II F'PAJJIŻNA

• Itolbuh kuljum biex jgħinkom biex tibqgħu fidili *lejn il-vokazzjoni li takom fi Kristu!*

• Tibżgħux tressqu quddiemu t-tamiet, ħtiġijiet u inkwiet kollha tagħkom.

❑ GENITURI, itolbu għall-uliedkom,ħalli jkunu jistgħu jikbru fil-ħajja ġdida li rċivew fil-Magħmudija;

❑ TFAL, itolbu għall-ġenituri tagħkom, għaliex intom ukoll għandkom sehem x'tagħtu biex tqaddsuhom. (Gaudium et Spes,48). Aktar minn hekk, **bħala membri ta' familja akbar**, itolbu f'rabta mal-Ġisem ta' Kristu madwar id-dinja *għall-bżonnijiet ta' l-umanita' kollha.*: għall-morda u għall-imgħakksin, għall-mexxejja tan-nazzjonijiet, għal dawk li jaħdmu għall-ġustizzja u paċi fost il-ġnus, u għal dawk li jħeġġu ħarsien responsabbli ta' l-ambjent naturali.

Itolbu għal dawk kollha li b'xi mod jagħtu glorja lil Alla billi jaqdu b'umilta' l-bżonnijiet ta' ħuthom.

U kemm jekk xogħolok hu d-dar, fl-egħlieqi jew fuq il-baħar, fil-fabbriki jew fl-industrija turistika dejjem tikber ta' Malta, offrieh lill-Mulej bħala sagrifiċċju li jogħġob bi ħejjija għall-miġja ta' saltnatu! ■

# L-Opra NABUCCO fit-Teatru Astra

### ACCEN AKBAR FUQ TALENT INTERNAZZJONALI

F'anqas minn xahar ieħor, it-Teatru Astra ser jagħti bidu għall-staġun teatrali ġdid f'Għawdex bl-Opra Lirika "NABUCCO" ta' Giuseppe Verdi. L-Opra ser tiġi preżentata fit-Teatru Astra nhar is-Sibt, 5 ta' Novembru 1994, fis-7.00pm.

"NABUCCO" hija waħda mill-kapolavuri ta' Verdi. Miktuba fl-1842, fi sfond ta' implikazzjonijiet politiċi, l-opra kisbet suċċess immedjat għal dan il-bravu kompożitur Taljan, tant li fil-provi li kienu jsiru għall-ewwel rappresentazzjoni uffiċċjali ta' l-opra, il-ħaddiema tat-teatru u n-nies ta' fuq il-palk kienu jieqfu mix-xogħol tagħhom, imsaħħrin mill-ġmiel ta' mużika u korijiet li kienu jisimgħu. Verdi nnifsu kien stqarr li kien permezz ta' din l-opra li seta' jaċċerta ruħu li kienet verament fetħet quddiemu l-karriera artistika.

Għal din il-produzzjoni partikolari, l-Management tat-Teatru Astra ħaseb biex jingaġġa kantanti barranin ta' kalibru internazzjonali. Effettivament il-ħames partijiet ewlenin ta' din l-opra ser jiġu interpretati minn kantanti stabiliti sew fil-qasam operistiku u li jgawdu reputazzjoni kbira f'li State Opera House ta' Sofia, fil-Bulgarija. Dawn huma: is-Sopran Dina Petkova, t-Tenur Konstantin Mitkoff Jankoff, il-Mezzo Sopran Ivanka Ninova, il-Baritonu Jivko Pranchev, u l-Baxx Petar Bakarjiev.

Il-ħames kantanti huma solisti fit-Teatru ta' l-Opra ta' Sofia u tul il-karriera brillanti tagħhom ħadu sehem f'diversi opri, produzzjonijiet operistiċi u kunċerti f'uħud mill-aqwa bliet ta' l-Ewropa. Fil-fatt, immedjatament wara r-rappresentazzjoni tat-Teatru Astra, l-kantanti se jmorru Zurich fl-Isvizzera fejn hemmhekk se jtellgħu l-opra "Turandot".

Tnejn minn dawn il-Kantanti ċelebri diġa kellhom l-opportunita' li jidhru quddiem il-pubbliku Malti u Għawdxi, meta f'Mejju tal-1992 kantaw fl-Opra "La Forza Del Destino" li kienet saret fit-Teatru Astra. Iż-żewġ Kantanti huma Ivanka Ninova u Jivko Pranchev.

Bil-għan li jiggarantixxi l-akbar suċċess possibli minn din il-produzzjoni, il-Management tat-Teatru Astra qiegħed din is-sena wkoll jinvesti aktar f'talent internazzjonali. Minbarra s-sehem ta' dawn il-ħames kantanti barranin, il-Management ħaseb li jsaħħaħ l-Orkestra ta' l-Opra tat-Teatru Astra b'numru sostanzjali ta' mużiċisti barranin. Teltin musiċist mil-Italja ser jingħaqdu ma' wħud mill-aħjar mużiċisti f'Malta biex flimkien jiffurmaw l-Orkestra ta' l-Opra.

Element ieħor barrani jirrigwardja l-produzzjoni ta' din l-opra. Il-Producer li se' jtella' in-"NABUCCO" huwa r-Regista magħruf Emil Bosenakov, attwalment ikkunsidrat bħala r-Regista Numri 1 fli State Opera House ta' Sofia. Sig. Basenakov mistenni jasal Malta nhar l-Erbgħa 19 ta' Ottubru biex jissorvelja u jmexxi l-aħħar kunċerti bi tħejjija għal din il-produzzjoni.

Id-Direzzjoni mużikali ta' l-opra hija għal darba oħra afdata f'idejn Mro. Joseph Vella, li huwa wkoll is-Surmast Direttur tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella, li fi ħdanha hu mwaqqaf it-Teatru Astra. Mro. Vella żgur li ma għandu bżonn ta' ebda introduzzjoni fil-qasam mużikali ta' dawn il-gżejjer; ismu illum il-ġurnata qed jixtered sewwa saħansitra barra minn Malta. Magħruf bħala wiehed mill-aqwa kompożituri lokali, Mro. Vella kemm il-darba wera l-abbilta' eċċezzjonali tiegħu f'dik li hija direzzjoni mużikali, partikolarment l-opra. Fit-Teatru Astra kellu l-opportunita' li jispikka bi produzzjonijiet kbar u prestiġjużi fosthom l-"Aida", "Rigoletto", "La Traviata", "Norma", "La Forza del Destino" u "Lucia di Lammermoor".

Bi sforz biex ikompli jinkoraġġixxi t-talent lokali fil-qasam operistiku, il-management din id-darba wkoll qiegħed joffri tlett partijiet fl-opra lil tlett kantanti maltin. Dawn huma Rosabelle Pavia, Anthony Montebello u Arthur Micallef; it-tlieta ġie li taw is-sehem tagħhom fi produzzjonijiet opersitiċi u ta' kull darba qatgħu figura tajba ħafna.

Fattur importanti ħafna fi produzzjoni bħal din huwa bla dubju l-kor. Is-snin imgħoddija wrewna biċ-



JIVKO PRANCHEV



IVANKA NINOVA

ċar li dan il-fattur kien wieħed mill-elementi wara s-suċċess li kull darba kisbet l-opra fit-Teatru Astra. Bħalma sar fl-aħħar Opra "La Forza del Destino", il-kor din id-darba wkoll se jkun mmexxi mis-Sinjorina Maria Frendo, mużiċista u kantanta ta' kwalita' straordinarja. Is-Sinjorina Frendo rnexxiela tgħaqqad flimkien l-aħjar element ta' vuċijiet li għandna f'pajjiżna.

Uħud mill-kostumi ser jinġiebu minn Sofia; oħrajn qegħdin isiru ġodda mit-taqsima tal-ħajjata tat-teatru. Kemm ix-xenarju kif ukoll id-dwal qed jaħseb għalihom il-management tat-teatru. It-tħejjijiet fuq il-palk tat-Teatru Astra issa ilhom sejrin għal dawn l-aħħar xahrejn taħt is-supervizjoni tas-Sinjuri Austin Camilleri, George Farrugia, Michael A. Galea, Manuel Grima, Carmel Zammit u George Zammit.

L-Opra ser issir taħt il-ħarsien distint tal-President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici, u bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru għaż-Żgħażagħ u Kultura u l-linja nazzjonali ta' l-ajru Air Malta.

Ta' min igħid li l-Opra NABUCCO, hija d-disa' opra li ser tiġi ppreżentata fit-Teatru Astra mill-1978 'il hawn. ■

A+M PRINTING LTD. - QALA